

Brussell, 6 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12402/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0312 (NLE)

PECHE 338

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 613 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2021–2024) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 613 final.

Mehmuż: COM(2021) 613 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.10.2021
COM(2021) 613 final

2021/0312 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2021–2024) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ġie ffirmat fit-3 ta' Mejju 2016 u fl-14 ta' Mejju 2016 rispettivament, u beda japplika proviżorjament fl-14 ta' Mejju 2016 għal durata ta' tmien snin. Il-Ftehim jiġġedded b'mod taċitu u għadu fis-seħħ. L-ewwel Protokoll ta' erba' snin dwar l-implimentazzjoni tal-SFPA beda japplika proviżorjament fl-14 ta' Ottubru 2016 u skada fit-13 ta' Ottubru 2020. Kemm il-Ftehim kif ukoll il-Protokoll daħlu fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2017.

Fis-7 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta mandat¹ li jawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tiftaħ negozjati għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u għall-estensjoni possibbli tal-Protokoll² għal dak il-Ftehim, li kellu jiskadi fit-13 ta' Ottubru 2020.

Matul l-ewwel ċiklu ta' negozjati (fis-16 ta' Lulju 2020), in-negozjaturi tal-UE u tal-Gżejjer Cook qablu li minħabba li dawn in-negozjati huma kumplessi, se jkun hemm bżonn diversi ċikli ta' negozjati sabiex dawn jiġu ffinalizzati. Għalhekk, iż-żewġ partijiet qablu li jestendu l-Protokoll għal perjodu massimu ta' sena, f'konformità mal-mandat tal-Kunsill. Din l-estensjoni ġiet stabbilita permezz ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li ġie inizjalat fi Brussell u f'Rarotonga (il-Gżejjer Cook) fid-29 ta' Lulju 2020.

Il-protokoll ġie estiż għal sena mid-data li ġejja tal-iffirmar tal-iskambji tal-ittri miż-żewġ partijiet, jiġifieri l-14 ta' Novembru 2020. Minħabba dan, il-protokoll attwali se jiskadi fit-13 ta' Novembru 2021.

Abbażi tad-direttivi rilevanti tan-negozjar³, il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gżejjer Cook bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid għall-Implimentazzjoni tal-SFPA f'isem l-Unjoni Ewropea. Wara t-tlestija ta' dawn in-negozjati, ġie inizjalat protokoll min-negozjaturi fit-28 ta' Lulju 2021. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' tliet snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja stabbilita fl-Artikolu 11 tiegħu, jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu miż-żewġ partijiet.

L-għan ta' din il-proposta huwa li tawtorizza l-konklużjoni tal-protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-SFPA bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook.

Il-Protokoll għandu l-għan li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook f'konformità mal-pariri xjentifiċi u mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC), fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. L-għan huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Cook, sabiex jinholq qafas ta' sħubija għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook, fl-interess taż-żewġ partijiet.

¹ Id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u għall-estensjoni possibbli tal-protokoll attwali għal dak il-Ftehim (ST 8848/20).

² Il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (ĠU L 131, 20.5.2016, p. 10).

³ Adottati tul it-3418 laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fit-22 ta' Ottubru 2015.

Il-protokoll il-ġdid bejn l-UE u l-Gżejjer Cook jippermetti lill-flotta tal-UE tistad fl-ilmijiet tal-Gżejjer Cook għal speċijiet ta' tonn, u jipprevedi għal opportunitajiet ta' sajd kif ġej:

- erba' bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża, b'aċċess għaż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook għal 100 jum fis-sena;
- fuq talba, jistgħu jsiru disponibbli 110 ijiem addizzjonali possibbli fis-sena għall-flotta tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

F'konformità mal-prijoritajiet tar-Regolament li jstabbilixxi l-politika komuni tas-sajd ("ir-Regolament tal-PKS")⁴, il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u filwaqt li jħares ir-rakkomandazzjonijiet tad-WCPFC. Il-Protokoll jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lill-Gżejjer Cook jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jipromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook u jippermettilhom jappoġġaw l-isforzi tal-Gżejjer Cook biex jiżviluppa s-settur tas-sajd tiegħu, fl-interess taż-żewġ partijiet.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid għall-implimentazzjoni tal-SFPA — li parti minnu tinvolvi din l-estensjoni proposta — jiffirma parti mill-azzjoni esterna tal-UE mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("AKP"), u jqis b'mod partikulari l-oġettivi tal-UE fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jstabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, kif ukoll l-Artikolu 218(6) tiegħu li jipprevedi li, fuq proposta tan-negozjatur, il-Kunsill jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim.

L-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jstabbilixxi li bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tassigura r-rappreżentanza esterna tal-UE. Għaldaqstant, l-uffiċjali maħtura mill-Kummissjoni biss għandhom l-kompetenza jinnotifikaw il-konklużjoni ta' ftehim bejn l-UE u pajjiż terz.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-oġettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament tal-PKS. Hija tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajjnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

⁴ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Saru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Protokoll għall-perjodu mill-2016 sal-2020. Ġew ikkonsultati wkoll l-esperti mill-Istati Membri waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li jkun ta' benefiċċju li jiġġedded il-Protokoll tas-Sajd mal-Gżejjer Cook.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Gżejjer Cook ġew ikkonsultati fil-kuntest tal-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post*, f'konformità mal-Artikolu 31(10) tar-Regolament tal-PKS.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Il-ftehim innegożjat jinkludi klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur tal-elementi essenzjali tad-drittijiet tal-bniedem tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou⁵, jew tal-Artikolu korrispondenti fil-Ftehim suċċessur.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni Ewropea hija ta' EUR 700 000, abbażi ta':

a) ammont annwali għall-aċċess tal-kategoriji previsti fil-Protokoll għar-riżorsi tas-sajd ta' EUR 350 000 għad-durata tal-Protokoll;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gżejjer Cook ta' EUR 350 000 fis-sena, għad-durata tal-Protokoll. Dan l-appoġġ jilħaq l-oġġettivi tal-politika nazzjonali tal-Gżejjer Cook b'rabta mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd marittimi għad-durata kollha tal-Protokoll.

L-ammont annwali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa stabbilit fil-proċedura baġitarja annwali, fosthom għal-linja ta' riżerva għall-protokollu li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena⁶.

⁵ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁶ F'konformità mal-Ftehim interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit (bin-numru ta' referenza 2013/C 373/01).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma previsti fl-SFPA u fil-Protokoll għall-implimentazzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2021–2024) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook⁷ ("il-Ftehim ta' Sħubija") ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2017/418⁸.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' [...] ⁹, il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ("il-Protokoll") ġie ffirmat fil-[...], suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (3) Il-Protokoll għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni u lill-Gvern tal-Gżejjer Cook ikompli jaħdmu bejniethom biex jipromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jistadu f'dawn l-ilmijiet.
- (4) Jenħtieġ li dan il-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.
- (5) L-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Sħubija jistabilixxi Kumitat Konġunt li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi tal-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom f'isem l-Unjoni bi proċedura ssimplifikata, b'ċerti kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali.
- (6) Jenħtieġ li l-Kunsill jistabilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emendi tal-Protokoll li jkunu ġew proposti. Jenħtieġ li l-emendi proposti jiġu approvati sakemm minoranza

⁷ ĠU L 131, 20.05.2016, p. 3.

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418 tat-28 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 64, 10.03.2017, p. 1).

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/... ta' ...2021 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (ĠU C [...], [...], p. [...]).

ta' Stati Membri li timblokka ma toġġezzjonax għalihom f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- (7) Minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook u l-ħtieġa li jiġi evitat li dawk l-attivitajiet jiġu interrotti mill-iskadenza tal-Protokoll attwali fit-13 ta' Novembru 2021, jenħtieġ li dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725¹⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [*daħħlu d-data*]¹¹.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ("il-Protokoll") huwa approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

F'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll li jadotta l-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 12 tal-Protokoll bil-għan li tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

¹¹ Ref. EDPS: [*jekk jogħġbokkom daħħlu r-referenza*].

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju tal-erruri (waqt il-pagament u waqt l-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

- 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**
- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**
- 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet**
- 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
- 3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali*
- 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*
- 3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
- 3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

08 05 01 — L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-UE fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

08 — Politika marittima u tal-agrikoltura

08 05 — Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u Organizzazzjonijiet Reġionali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)

08 05 01 — L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-UE fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**¹²

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal- **estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. *Objettiv(i) ġenerali*

In-negożjati u l-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) mal-pajjiżi terzi jissodisfaw l-objettiv ġenerali li jagħtu l-aċċess lill-bastimenti tas-sajd tal-UE għaż-żoni tas-sajd tal-pajjiżi terzi u li jiżviluppaw sħubija ma' dawk il-pajjiżi bil-għan li jissaħħa l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-UE.

L-SFPAs jiżguraw ukoll il-konsistenza bejn il-prinċipji li jiggvernaw il-politika komuni tas-sajd u l-impenji li saru fil-qafas tal-politiki Ewropej (l-użu sostenibbli tar-riżorsi ta' pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), l-integrazzjoni ta' pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, il-kontribuzzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha, u governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru

Objettiv speċifiku Nru 1

Għall-kontribuzzjoni tas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet mhux tal-UE, għaż-żamma ta' preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u għall-protezzjoni tal-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi permezz tan-negożjar u tal-konklużjoni tal-SFPAs mal-istati kostali, li huma konsistenti mal-politiki Ewropej oħra.

¹² Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata(i)

08 05 01 — L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitàjiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-UE fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-Konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd tfisser li s-sħubija strateġika tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Cook jistgħu jkomplu u jistgħu jissaħħu. Il-konklużjoni tal-Protokoll se toħloq opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

Il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu wkoll għall-ġestjoni u għall-konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz tal-appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, partikolarment il-pjan komprensiv tas-sajd, il-monitoraġġ u l-ġlieda kontra s-sajd illegali u l-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-adozzjoni annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwal tad-disponibbiltà fil-qafas tal-Protokoll).

Id-data dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribuzzjoni għax-xogħol u għal kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti fis-sajd u għall-valur miżjud fl-UE u għall-istabbiliment tas-suq tal-UE (b'mod aggregat mal-SFPAs oħra).

Il-kontribuzzjoni għat-titjib tar-riċerka, tas-sorveljanza u tal-kontroll tal-attività tas-sajd mill-pajjiż sieħeb u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, partikolarment fis-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Huwa maħsub li l-Protokoll il-ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli se japplika proviżjonament mid-data li jkun ġie ffirmit biex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni għall-operazzjonijiet tas-sajd li jkun għaddejjin fi-qafas tal-Protokoll attwali.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitàjiet tas-sajd tal-flotta tal-UE fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook u se jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti tal-UE biex japplikaw għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd biex jistadu f'dawk iż-żoni tas-sajd. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid se jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Gżejjer Cook bil-għan li jipromwovi l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha. L-appoġġ settorjali disponibbli fil-qafas tal-Protokoll se jgħin lill-Gżejjer Cook bl-istrateġija nazzjonali tas-sajd tagħhom, inkluża l-ġlieda kontra s-sajd IUU, filwaqt li jipromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-attività tas-sajd skont ix-Xogħol ILO fil-Konvenzjoni tas-Sajd 188.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-

komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

In-nuqqas tal-UE biex tilħaq ftehim dwar Protokoll ġdid se jimpedixxi l-attività tas-sajd tal-bastimenti tal-UE, peress li l-Ftehim attwali fih klawżola li teskludi l-attività tas-sajd li ma ssirx fil-qafas iddefinit minn protokoll għall-Ftehim. Konsegwentement, il-valur miżjud għall-flotta ta' distanzi twal tal-UE huwa ċar ferm. Il-Protokoll joffri wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Gżejjer Cook.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġoddi

L-analiżi ta' qabdiet potenzjali fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook, il-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli, wasslu għall-partijiet biex jistabbilixxu sforz annwali tas-sajd ta' referenza għal 100 jum/sena li jkopri l-opportunitajiet tas-sajd għal erba' bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża. Barra minn hekk, jekk ikun xieraq, jistgħu jinxtrow sa 110 ijiem tas-sajd addizzjonali mis-sidien tal-vapuri. L-appoġġ settorjali jqis il-ħtiġijiet relatati mal-bini tal-kapaċitajiet fi ħdan l-awtoritajiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd inklużi, partikolarment, ir-riċerka xjentifika u l-kontroll tas-sajd u l-inizjattivi tal-monitoraġġ.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Il-fondi pprovduti bħala kumpens finanzjarju għall-aċċess fil-qafas tal-SFPA, jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġit nazzjonali tal-Gżejjer Cook. Madankollu, il-fondi maħsuba għall-appoġġ settorjali huma allokatu (ġeneralment permezz tal-inklużjoni fil-liġi dwar il-baġit annwali) lill-Ministeru responsabbli għas-sajd, bħalha kundizzjoni għall-konklużjoni u għall-monitoraġġ tal-SFPAs. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament minn fornituri oħra ta' finanzjament internazzjonali għat-twettiq ta' proġetti u/jew programmi fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Mhux applikabbli

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

- Il-Proposta/inizjattiva fis-seħħ mid-data tal-iffirmar fl-2021, għal perjodu ta' tliet snin, li jispiċċa fl-2024.
- Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2024
- Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**
- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i¹³

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

– Mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-UE;

– mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

– lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– lill-korpi tal-liġi pubblika;

– lill-korpi ggvernati mil-liġi privata b'missjoni tas-servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– lill-korpi ggvernati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-
Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

¹³ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni (DĠ MARE, flimkien mal-uffiċjal tas-sajd tagħha ibbażat fir-reġjun (Fiġi), se tiżgura monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-Protokoll fir-rigward tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mill-operaturi, tad-*data* dwar il-qabdiet u tal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-appoġġ settorjali.

L-SFPA tipprevedi tal-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt, li fiha l-Kummissjoni u l-Gvern tal-Gżejjer Cook jirivalutaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u, jekk meħtieġ, jaġġustaw il-programmazzjoni u, jekk applikabbli, l-kontribuzzjoni finanzjarja.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-kontribuzzjonijiet għall-aċċess u għall-appoġġ settorjali se jsiru permezz ta' pagamenti diżakkoppjati.

Il-pagamenti għall-aċċess se jsiru annwalment fid-data tal-anniversarju tal-Protokoll, ħlief fl-ewwel sena, meta l-pagament isir fi żmien 60 jum tal-bidu tal-applikazzjoni proviżorja. L-aċċess għall-bastimenti se jkun ikkontrollat permezz tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

L-appoġġ se jitħallas għall-ewwel darba fi żmien tliet xhur mill-bidu tal-applikazzjoni proviżorja, soġġett għall-ftehim dwar programm ta' implimentazzjoni fuq bażi annwali u pluriennali; għas-snin li ġejjin, se tkun ta' kundizzjoni fuq ir-riżultati miksuba. Huwa pjanat djalogu estensiv dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali stabbilita fil-Ftehim u fil-Protokoll. Analiżi konġunti tar-riżultati jiffurmaw parti wkoll minn dawn il-metodi ta' kontroll. Ir-riżultati miksuba u r-rata ta' implimentazzjoni se jiġu mmonitorjati f'konformità mal-linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali, u abbażi tar-rapporti jew tal-prova dokumentarja prevista mill-pajjiż sieħeb u mill-valutazzjonijiet u l-kontrolli mwettqa mill-persunal tas-sajd.

Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll fihom klawżoli speċifiċi għas-sospensjoni tagħhom, fil-qafas ta' ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti ċirkustanzi.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskju identifikat huwa n-nuqqas ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mis-sidien tal-bastimenti tal-UE u n-nuqqas ta' użu jew id-dewmien fl-użu tal-fondi maħsuba għall-finanzjament tal-politika tas-sajd settorjali mill-Gżejjer Cook.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju tal-erruri (waqt il-pagament u waqt l-għeluq)*

Il-pagamenti relatati mal-kostijiet tal-aċċess fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) huma soġġetti għall-kontrolli mmirati li jiżguraw il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali. Il-kontrolli

relatati mal-appoġġ settorjali huma mmirati li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ. Il-monitoraġġ jitwettaq mill-persunal tal-Kummissjoni fid-Delegazzjonijiet tal-UE u waqt il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. Il-progress jiġi evalwat permezz ta' matriċi tal-ipprogrammar pluriennali. F'każ li ma jkunx sar biżżejjed progress, il-pagament akkont li jkun imiss jiġi sospiż jew possibbilment jitnaqqas. Il-kost kumplessiv tal-kontrolli fuq l-SFPAs kollha huwa stmat li huwa ta' madwar 1,8 % (tal-kontribuzzjonijiet fl-2018). Il-proċeduri għall-kontrolli fuq l-SFPAs huma bbażati fil-biċċa l-kbira fuq ir-rekwiżiti regolatorji essenzjali. Jekk ma jinstab l-ebda nuqqas li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-legalità u fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-kontrolli jitqiesu li jkunu effettivi. Huwa stmat li r-rata medja tal-iżbalji hija ta' 0,0 %.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha biex issaħħaħ id-djalogu politiku u l-koordinazzjoni regolari mal-Gżejjer Cook bil-għan li ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u li ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kwalunkwe pagament li l-Kummissjoni tagħmel fil-qafas tal-SFPA huwa soġġett għar-regoli standard tal-Kummissjoni u għall-proċeduri baġitarji u finanzjarji tagħha. Partikolarment, il-kontijiet tal-bank tal-pajjiżi terzi li fihom titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja huma identifikati bis-sħiħ. L-Artikolu 2(8) tal-Protokoll jipprevedi li l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess u dik maħsuba għall-iżvilupp tas-settur għandha titħallas f'kont tal-bank iddeżinjat tal-Gvern miftuħ fil-Gżejjer Cook.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Numru ta' Kontribuzzjoni			
		Diff./Mhux diff ¹⁴ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹⁵	mill-pajjiżi kandidati ¹⁶	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	08.05.01 L-istabiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (SFAs)	Diff	LE	LE	IVA	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Numru ta' Kontribuzzjoni			
		Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

¹⁴ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁵ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁶ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidat potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	
--	-------	--

DĠ: MARE			Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja 08.05.01	Impenji	(1a)	0,700	0,700	0,700		2,100
	Pagamenti	(2a)	0,350	0,700	0,700	0,350	2,100
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					
	Pagamenti	(2b)					
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁷							
Linja baġitarja		(3)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ MARE	Impenji	=1a+1b+3	0,700	0,700	0,700		2,100
	Pagamenti	=2a+2b+3	0,350	0,700	0,700	0,350	2,100

¹⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)					
	Pagamenti	(5)					
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont I-INTESTATURA <...> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0,700	0,700	0,700		2,100
	Pagamenti	=5+ 6	0,350	0,700	0,700	0,350	2,100

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (I-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)					
	Pagamenti	(5)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (I-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont I-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6					
	Pagamenti	=5+ 6					

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsimha timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
DĠ: <.....>							
•Riżorsi umani							
•Nefqa amministrattiva oħra							
TOTAL TAD-DĠ<.....>	Approprjazzjonijiet						

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)							
--	---	--	--	--	--	--	--	--

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,700	0,700	0,700		2,100
	Pagamenti	0,350	0,700	0,700	0,350	2,100

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs	↓	Tip ¹⁸	Kost medju	Sena 2021		Sena 2022		Sena 2023		Sena 2024		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL			
				OUTPUTS																	
				Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁹ ...																					
– Access għall-		0,350		0,350		0,350		0,350													
– Settorjali		0,350		0,350		0,350		0,350										1,050			
– Output																		1,050			
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1					0,700		0,700		0,700									2,100			
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2...																					
– Output																					
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																					
TOTALI																					

¹⁸ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pozzizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²⁰	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	---	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra							
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

Barra mill- INTESTATURA 7²¹ tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva							
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

TOTAL							
--------------	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²⁰ Is-Sena N hija s-sena li fiha tidda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

²¹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)					
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)					
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)					
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)					
01 01 01 11 (Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
•Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full time: FTE)²²					
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)					
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 xx ss zz ²³	– fil-Kwartieri Ġenerali				
	– fid-Delegazzjonijiet				
01 01 01 02 (AC, END, INT — Riċerka indiretta)					
01 01 01 12 (AC, END, INT — Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL					

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Implimentazzjoni tal-Protokoll (il-pagamenti, l-aċċess għall-ilmijiet tal-Gżejjer Cook permezz tal-bastimenti tal-UE, l-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd), il-preparazzjoni u s-segwitu tal-Kumitati Konġunti, il-preparazzjoni għat-tiġdid tal-Protokoll, l-evalwazzjoni esterna, il-proċeduri leġislattivi, in-negozjati.
Persunal estern	Implimentazzjoni tal-Protokoll: il-kuntatt mal-awtorizzazzjonijiet tal-Gżejjer Cook għall-aċċess permezz tal-bastimenti tal-UE għaż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook, l-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, il-preparazzjoni u s-segwitu tal-Kumitati Konġunti, partikolarment l-implimentazzjoni ta' appoġġ settorjali.

²² AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

²³ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

L-użu tal-linja ta' riżerva (il-Kapitolu 40)

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhom meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhom meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²⁴	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

²⁴ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- x Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pozzizzjonijiet
deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁵					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
L-Artikolu									

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

²⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.